MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 988/2009

**Go p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Ivan Testa (I.D. 197474 M) u**
**b'digriet moghti nhar it-8 ta' Marzu 2010**
**gie ordnat il-kjamat in kawza ta' Caroline u Eric Harrington**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija tmienja u hamsin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,458.76) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 21446997, skond kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mill-11 ta' Ottubru, 2005 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess, u dan ghar-ragunijiet segwenti: (1) Fl-ewwel lok, ghas-servizz telefoniku 21446997 huma unikament responsabbli Eric Harrington (ki nru 133878 M) u Caroline Harrington nee Micallef (ki nru 431578 M), li akkwistaw il-fond fejn huwa installat is-servizz telefoniku mertu ta' dawn il-proceduri, permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar LL.D. datat 18 ta' Awissu, 1999. Is-socjeta' attrici, debitament infurmata b'dan permezz ta' ittra legali datata 8 ta' Gunju, 2009, ghaddiet sabiex tipproponi dawn il-proceduri kontra l-konvenut, li ghalhekk ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn l-istess proceduri. Inoltre, l-imsemmija Eric Harrington u Caroline Harrington gew interpellati diversi drabi sabiex jassumu r-responsabilita' ghas-servizz de quo huma baqghu inadempjenti. Jehtieg ghalhekk illi l-imsemmija Eric Harrington (ki nru 133878 M) u Caroline Harrington nee Micallef (ki nru 431578 M) jigu kjamati in kawza ai termini ta' l-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija in parte preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra r-risposta tal-kjamati in kawza, li permezz taghha huma eccepew illi fl-ewwel lok u preliminarjament, il-kjamati in kawza Eric u Caroline Harrington m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghandhom ghalhekk jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante illi l-imsemmija

kjamati in kawza m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici; Illi fit-tieni lok, preliminarjamet u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici fil-konfront tal-kjamati in kawza hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut mill-kjamati in kawza; Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm il-konvenut u l-kjamat in kawza t-tnejn issollevaw l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, ma nghatat ebda sentenza fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, u ghalkemm ma saret ebda dikjarazzjoni in atti mill-partijiet koncernati illi kellhom jitressqu l-provi kemm in sostenn tal-mertu u anke fir-rigward ta' dawn l-eccezzjonjiet, u li ghandha tinghata sentenza wahda dwar kollox, mill-mod kif svolga s-smiegh tal-kawza, jidher illi kien hemm xi intendiment f'dan is-sens bejn il-partijiet kollha koncernati. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jaghti sentenza kemm dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u l-kjamat in kawza, u jekk ikun il-kaz, dwar il-mertu ta' din l-istess azzjoni.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici huwa relattiv ghas-servizz telefoniku bin-numru 21446997, liema servizz gie installat fil-fond ossia appartament Pepitos Flats, flat numru 2, Triq Lorenzo Gatt, Birkirkara. Illi dan is-servizz gie rregistrat f'isem il-konvenut in forza ta' skrittura datata 28 ta' Awissu, 1997, liema ftehim huwa wkoll ittimbrat bid-data 4 ta' Novembru, 1997; dan is-servizz eventwalment gie sospiz fl-2006.

Illi mir-rendikont ipprezentat mis-socjeta' attrici jidher illi l-hlas ghas-servizz kien qed isir b'mod relattivament regolari, izda l-ahhar pagament sar fil-11 ta' Ottubru, 2005 (vide Dok A *a fol.* 2); jidher ukoll illi l-pagamenti kienu qed isiru akkont ta' kwalunkwe ammont li kien ikun dovut. Madanakollu, it-Tribunal jinnota *entry* partikolari fir-rendikont ipprezentat mis-socjeta' attrici, fejn l-ammont li sar dovut mill-konvenut tela' ghal elf tliet mija u sitta u sittin Ewro u disghin centezmu (€1,366.90) fl-14 ta' Frar, 2005, minhabba xi telefonati li saru minn din il-linja li gew deskritti bhala "international calls to mobile". Fi kwalunkwe kaz, l-ammont li qed jintalab mis-socjeta' attrici f'din il-kawza huwa l-bilanc li kien ghadu dovut u li akkumula sal-ahhar tas-sena 2005.

Illi kemm il-konvenut u l-kjamati in kawza qed jallegaw illi l-ammont mitlub mhux dovut, la minn parti u anqas minn ohra, u qed anke jikkontendu illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa preskritt bid-dekors ta' hames (5) snin minn meta l-ammont kien dovut.

Illi da parti tieghu l-konvenut ipprezenta kopja ta' kuntratt ta' bejgh tal-fond in kwistjoni lill-kjamati in kawza (a fol. 38 *et seq*. tal-atti), liema att huwa datat 18 ta' Awissu, 1999. Illi ghalkemm ma giex specifikat f'dan il-kuntratt illi l-fond in kwistjoni qed jinbiegh lill-kjamati in kawza bil-pussess battal, u l-konvenut irrizerva a favur tieghu stess l-privilegg specjali fuq dan il-fond minhabba li kien fadal bilanc mill-prezz dovut lilu, madanakollu, l-kjamati in kawza akkwirenti ddikjaraw illi dan il-fond kellu jikkostitwixxi r-residenza taghhom. Illi l-istess konvenut ikkonferma bil-gurament tieghu li hu hareg minn dan il-fond mal-bejgh, u li fl-ebda waqt wara dik id-data ma rega' dahal jirrisjedi fih jew li kien qed b'xi mod jokkuppa dan il-fond. Illi ghalhekk il-konvenut jikkontendi illi ghalkemm is-servizz baqa' rregistrat fuq ismu – u dan minkejja li huwa ffirma l-formoli appoziti sabiex is-servizz jigi trasferit ghal fuq isem il-kjamati in kawza – madanakollu, ma kienx hu li kien qed jaghmel uzu minn dan is-servizz, u li ghalhekk m'ghandux jigi kkundannat ihallas ghall-ammont li akkumula wara li vvaka minn dan il-fond.

Illi oltre dan, l-istess konvenut isostni wkoll illi hu ma kellux hjiel illi s-servizz kien baqa' ma giex trasferit minn fuq ismu ghal fuq isem il-konjugi Harrington, u dan l-istat ta' fatt irrizultalu biss meta rcieva ittra minghand is-socjeta' attrici datata 20 ta' Mejju, 2009, li permezz taghha kien qed jintalab il-hlas tas-somma ta' elf erba' mija u wiehed u ghoxrin Ewro u hamsin centezmi (€1,421.50), liema ittra giet ikkonsenjata lilu fl-indirizz fejn kien qed jghix, li ovvjament kien indirizz differenti minn fejn kien irregistrat is-servizz. Illi da parti tieghu, il-konvenut kiteb ittra lis-socjeta' attrici sabiex jinformaha illi ma kienx aktar proprjetarju tal-fond fejn kien irregistrat is-servizz telefoniku in kwistjoni.

Illi da parti taghhom, il-kjamati in kawza ma ressqu ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet sollevati minnhom.

Ikkunsidra,

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata kemm mill-konvenut, kif ukoll mill-kjamati in kawza, u li t-tnejn ghamlu referenza ghall-istess artikolu tal-ligi, u konsegwentement l-istess terminu preskrittiv ta' hames (5) snin, jigi rilevat illi tali eccezzjoni ma tistax tigi akkolta stante illi, ai termini tar-rendikont li gie pprezentat mis-socjeta' attrici (li jinsab a fol. 2 *et seq* tal-atti), l-ahhar pagament akkont tal-ammont mitlub gie mwettaq fil-11 ta' Ottubru, 2005; Illi l-azzjoni in kwistjoni giet proposta fit-23 ta' Novembru, 2009, u definittivament notifikata lill-konvenut fit-18 ta' Frar, 2010, filwaqt illi f'dak li jirrigwarda l-kjamati in kawza, ghalkemm in atti m'hemmx ir-riferti relattivi (vide fol. 23 tal-atti), madanakollu, dawn ipprezentaw ir-risposta taghhom fit-3 ta' Mejju, 2010, u ghalhekk u in forza ta' dan l-att, huma kkonfermaw li rcivew l-avviz tat-talba f'xi zmien qabel dik id-data u li kienu qed jikkontestaw it-talba tas-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk, u gialadarba l-ahhar hlas gie mwettaq f'Ottubru, 2005 – u ghalhekk kien hemm ir-rikonoxximent tad-debitu mid-debitur/i – allura l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u l-kjamati in kawza

m’hix gustifikata u applikabbli, u ghalhekk it-Tribunal qed jichad din l-eccezzjoni, kemm in kwantu giet sollevata mill-konvenut, u anke mill-kjamati in kawza.

Ikkunsidra,

Illi f’dak li jirrigwarda l-mertu ta’ din il-kawza, irrizulta illi qabel ma l-konvenut biegh u assenja l-fond maghruf bl-isem Pepito Flats, Flat 2, Triq Lorenzo Gatt, B’Kara lill-kjamati in kawza, hu kien applika u ottjena s-servizz ta’ telefon minghand is-socjeta’ attrici, u dan bin-numru 21423827. Illi in forza ta’ att pubbliku datat 18 ta’ Awissu, 1999, il-konvenut biegh u assenja dan l-appartament lill-konvenuti, u mir-rendikont ipprezentat mis-socjeta’ attrici, rrizulta illi kien hemm uzu regolari u kontinwu mis-servizz li baqa’ irregistrat fl-indirizz relattiv.

Illi da parti tieghu, il-konvenut isostni illi b’segwitu tal-bejgh ta’ dan il-fond lill-kjamati in kawza, hu ma ghamilx aktar uzu mis-servizz tat-telefon. Madanakollu, u bhala stat ta’ fatt, irrizulta illi s-servizz ta’ telefon baqa’ jintuza wara dik id-data ghal bosta snin wara. Illi l-kjamati in kawza, da parti taghhom, bl-ebda mod ma kkuntrarjaw din id-dikjarazzjoni tal-konvenut, u lanqas ma gabu xi prova sabiex juru illi ma kienux huma li komplew jghamlu uzu minn dan is-servizz, li fl-ahhar mill-ahhar kien baqa’ rregistrat fil-fond li kien sar proprjeta’ taghhom; illi ghalhekk, wiehed necessarjament jasal ghall-konkluzjoni illi kienu l-proprjetarji l-godda ta’ dan il-fond, u cioe’ il-kjamati in kawza, li komplew jaghmlu uzu minn dan is-servizz. Dan oltre l-fatt ukoll illi, jidher li kienu l-istess kjamati in kawza li kienu qed ihallsu l-kontijiet li kienu qed jintbaghtu mis-socjeta’ attrici, izda imbaghad waqqfu hesrem dawn il-pagamenti, u s-socjeta’ attrici ghaddiet sabiex issospendiet is-servizz u talbet il-hlas tal-bilanc rizultanti minn din il-kawza.

Illi fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, u tenut kont tal-fatt illi l-kontestazzjoni tal-kjamati in kawza ma giet bl-ebda mod sostanzjata, it-Tribunal necessarjament jasal ghal-konkluzjoni illi kienu l-istess kjamati in kawza illi komplew jghamlu uzu mis-servizz ipprovdut mis-socjeta’

attrici. Illi ghalhekk il-hlas ta’ kwalunkwe bilanc li sar dovut wara d-data tal-akkwist minnhom tal-appartament fejn kien irregistrat is-servizz, huwa responsabilita’ tal-istess kjamati in kawza.

Illi ghalkemm huwa minnu illi n-ness guridiku kien originarjament bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut, madanakollu, maz-zmien inholoq ness guridiku gdid, u cioe’ dak bejn is-socjeta’ attrici u l-kjamati in kawza. Illi dan in-ness gie kreat in kwantu, min-naha tal-kjamati in kawza billi komplew jghamlu uzu mis-servizz li pprovdiet is-socjeta’ attrici, u da parti tas-socjeta’ attrici billi accettat il-hlas ghas-servizz minghand il-kjamati in kawza. Illi sabiex tigi evitata kwalunkwe konfuzjoni dwar min kien responsabbli ghall-hlas tas-servizz b’segwitu tal-bejgh tal-fond in kwistjoni, kien ikun ahjar illi s-servizz gie trasferit – bil-kunsens tas-socjeta’ attrici – ghal fuq il-kjamati in kawza, ladarba dawn kienu ser ikomplu jghamlu uzu minn dan is-servizz. Madanakollu, dan ma sarx. Illi ghalkemm dan ma sarx, ma jsegwix illi ghandu jkun il-konvenut tenut responsabbli jhallas il-bilanc dovut, ladarba ressaq provi sabiex juri illi l-fond fejn kien irregistrat is-servizz ma kienx baqa’ fil-pussess tieghu, u ladarba s-sidien godda (il-kjamati in kawza) ma ressqu ebda prova sabiex jikkonvincu lit-Tribunal illi lanqas huma ma kienu qed jghamlu uzu minn dan is-servizz.

Illi ghalhekk, u fid-dawl tal-fatti kif esposti, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-hlas dovut lis-socjeta’ attrici ghandu jigi mwettaq unikament mill-kjamati in kawza, filwaqt illi l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni sollevati mill-konvenut u l-kjamati in kawza, u jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-kjamati in kawza, jilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut, u filwaqt illi jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, jordna lill-kjamati in kawza jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf erba’ mija tmienja u hamsin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€ 1,458.76) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza.

L-ispejjez ta’ din il-kawza, kemm dawk tas-socjeta’ attrici kif ukoll tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-kjamati in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------